31983L0183

L 105/64 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.4.1983

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Marzu 1983
dwar eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għal importazzjonijiet permanenti minn xi Stat Membru tal-propjetà personali ta' individwi

(83/183/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi, sabiex il-poplu ta' l-Istati Membri jsiru aktar konxji ta' l-eżistenza tal-Komunità Ewropea, miżuri oħra li jkunu ta' benefiċċju għal individwi privati għandhom ikunu kunsidrati sabiex ikunu maħluqa l-kondizzjonijiet fil-Komunità simili għal dawk fis-suq domestiku;

Billi, b'mod partikolari, l-ostakoli għat-taxxa għall-importazzjoni minn individwi privati ta' propjetà personali ġewwa Stat Membru wieħed minn Stat Membru ieħor huma tali li jfixklu l-moviment ħieles tal-persuni ġewwa l-Komunità; billi, għalhekk, dawn l-ostakoli għandhom ikunu eliminati safejn possibbli bl-introduzzjoni ta' eżenzjonijiet mit-taxxa;

Billi dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa jistgħu japplikaw biss għal importazzjonijiet ta' oġġetti li mhumiex ta' natura kummerċjali jew spekulattiva; billi l-applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet għandha għalhekk tkun suġġetta għal limiti u kondizzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Għan

1. Kull Stat Membru għandu, bla ħsara għall-kondizzjonijiet u fil-każijiet stabbiliti hawn aktar 'il quddiem, jeżenta minn taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, taxxa tas-sisa u taxxi oħra tal-konsum li normalment japplikaw għal dik il-propjetà, propjetà importata permanentament minn Stat Membru ieħor minn individwi privati.

2. Drittijiet speċifiċi u/jew taxxi konnessi ma' l-użu ta' dik il-propjetà ġewwa l-pajjiż, bħal, per eżempju, drittijiet ta' reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur, taxxi għall-użu tat-toroq u liċenzi tat-televixin, mhumiex koperti b'din id-Direttiva.

Artikolu 2

Kondizzjonijiet li jirreferu għall-propjetà

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "propjetà personali" tfisser propjetà għall-użu personali tal-persuni interessati jew il-ħtiġijiet tan-nies li joqgħodu magħhom. Dik il-propjetà m'għandhiex, bis-saħħa tan-natura jew kwantità tagħha, tirrifletti xi interess kummerċjali, lanqas tkun maħsuba għal attività ekonomika skond it-tifsir ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/388/KEE [4]. Iżda, l-għodda jew strumenti meħtieġa għall-persuna interessata għall-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tiegħu għandhom ukoll ikunu trattati bħala propjetà personali.

2. L-eżenzjoni li għaliha l-Artikolu 1 jagħmel disposizzjoni għandha tingħata għal propjetà personali:

(a) li tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali ta' taxxa fis-seħħ fis-suq domestiku ta' wieħed mill-Istati Membri u li ma jkunx suġġett, għal raġunijiet ta' esportazzjoni, għal xi eżenzjoni jew xi rifużjoni ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, taxxa tas-sisa jew xi taxxa oħra tal-konsum. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-oġġetti akkwistati taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15 (10) tad-Direttiva 77/388/KEE għandhom jitqiesu li jkunu aderixxew ma' dawn il-kondizzjonijiet;

(b) li l-persuna interessata tkun użathom, fl-Istati Membri li minnhom ikunu qed jiġu esportati, għal perjodu ta' mill-inqas:

— ta' sitt xhur qabel il-bidla tar-residenza fil-każ ta' vetturi bil-mutur (inklużi trejlers), karavannijiet, djar mobbli, dgħajjes għall-passatempi u ajruplani privati,

(1) ĠU C 267, tal-21.11.1975, p. 11.
(2) ĠU C 53, tat-8.3.1976, p. 39.
(3) ĠU C 131, tat-12.6.1976, p. 49.
(4) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1.

— tliet xhur qabel il-bidla tar-residenza jew l-istabbiliment ta' xi residenza sekondarja fil-każ ta' propjetà oħra.

Iżda, għall-oġġetti msemmija fit-tieni sentenza ta' (a), l-Istati Membri jistgħu jżidu l-perjodi t'hawn fuq għal 12-il xahar.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu xhieda li l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 2 ikunu ġew sodisfatti fil-każ ta' vetturi bil-mutur (inklużi t-trejlers tagħhom), karavannijiet, djar mobbli, dgħajjes għall-passatempi u ajruplani privati. Fil-każ ta' propjetà oħra, dawn għandhom jitolbu dik il-prova biss meta jkun hemm suspetti gravi ta' frodi.

Artikolu 3

Kondizzjonijiet ta' importazzjoni

L-importazzjoni tal-propjetà tista' ssir f'waħda jew aktar drabi fil-perjodi stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 9 u 10 rispettivament.

Artikolu 4

Obbligazzjonijiet sussegwenti għall-importazzjoni

Il-propjetà importata m'għandhiex tkun disposta, mikrija jew mislufa matul il-perjodu ta' 12-il xahar wara l-importazzjoni mingħajr ħlas ta' dazju, minbarra fiċ-ċirkostanzi ġustifikati b'mod xieraq għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' importazzjoni.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet speċifiċi għal ċerti tipi ta' propjetà

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-oġġetti elenkati fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 69/169/KEE [1], skond l-aħħar emendi permezz tad-Direttiva 82/443/KEE [2], jistgħu jkunu importati mingħajr dazju biss sal-kwantitajiet stabbiliti f'dak l-Artikolu għal vjaġġi bejn l-Istati Membri.

2. L-eżenzjoni fuq l-importazzjoni ta' żwiemel ta' rkib, vetturi bil-mutur (inklużi trejlers), karavannijiet, djar mobbli, dgħajjes għall-passatempi u ajruplani privati għandha tingħata biss jekk l-individwu privat jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu fl-Istat Membru ta' importazzjoni.

Artikolu 6

Regoli ġenerali biex tkun stabbilita residenza

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "residenza normali" tfisser il-post fejn persuna normalment tgħix, jiġifieri għal mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba rbit personali u tax-xogħol jew, fil-każ ta' xi persuna mingħajr irbit tax-xogħol, minħabba rbit personali li juri rabtiet mill-qrib bejn dik il-persuna u l-post fjen ikun qed jgħix.

Iżda, ir-residenza normali ta' xi persuna li l-irbit tax-xogħol tagħha jkunu f'post differenti mill-irbit personali u li, konsegwentement tgħix f'postijiet differenti li jkunu qegħdin f'żewġ Stati Membri jew aktar, għandha titqies li tkun il-post ta' l-irbit personali, sakemm dik il-persuna tirritorna hemmhekk regolarment. Din l-aħħar kondizzjoni m'għandhiex għalfejn tkun osservata meta l-persuna tkun qed tgħix fi Stat Membru sabiex tagħmel xi xogħol ta' dewmien definit. Attendenza f'xi università jew skola ma timplikax trasferiment ta' residenza normali.

2. Individwi għandhom jagħtu prova tal-post ta' residenza normali tagħhom b'mezzi xierqa, bħal ma hi l-karta ta' identità jew xi dokument ieħor validu.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' importazzjoni jkollhom dubbji dwar il-validità ta' xi dikjarazzjoni dwar residenza normali magħmula skond il-paragrafu 2, jew għall-fini ta' ċerti kontrolli speċifiċi, dawn jistgħu jitolbu kull informazzjoni li jeħtieġu jew għal prova addizzjonali.

TITOLU II

IMPORTAZZJONI TA' PROPJETÀ PERSONALI KONNESSA MA' TRASFERIMENT TA' RESIDENZA NORMALI

Artikolu 7

1. L-eżenzjoni li għaliha l-Artikolu 1 jagħmel disposizzjoni għandha tingħata, suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 5, għar-rigward ta' propjetà personali importata minn xi individwu privat meta jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu.

2. L-aħħar propjetà għandha tkun importata mhux aktar tard minn 12-il xahar wara t-trasferiment tar-residenza normali.

[1] ĠU L 133, ta' l-4.6.1969, p. 6.
[2] ĠU L 206, ta' l-14.7.1982, p. 35.

TITOLU III

IMPORTAZZJONI TA' PROPJETÀ PERSONALI KONNESSA MAL-FORNIMENT JEW TLUQ TA' XI RESIDENZA SEKONDARJA

Artikolu 8

1. L-eżenzjoni li għaliha l-Artikolu 1 jagħmel disposizzjoni għandha tingħata, suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 5, għal propjetà personali importata minn xi individwu privat biex iforni residenza sekondarja.

Din l-eżenzjoni għandha tingħata biss meta:

(i) il-persuna interessata tkun il-proprjetarja tar-residenza sekondarja jew tkun qed tikriha għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar;

(ii) il-propjetà importata tikkorrispondi mal-għamara normali tar-residenza sekondarja.

2. L-eżenzjoni għandha tingħata wkoll, suġġetta għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, meta, wara t-tluq ta' xi residenza sekondarja, propjetà tkun importata lejn ir-residenza normali jew lil residenza sekondarja oħra, sakemm dik il-propjetà msemmija tkun attwalment ġiet fil-pussess tal-persuna interessata, u li hi kellha l-użu tagħha, għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar.

L-aħħar propjetà għandha tkun importata mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li r-residenza sekondarja tkun ġiet rilaxxata.

L-Artikolu 4 ma japplikax meta l-propjetà tkun riimportata.

TITOLU IV

IMPORTAZZJONI TA' PROPJETÀ MAŻ-ŻWIEĠ

Artikolu 9

1. Bħala deroga mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(2)(b), iżda mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra li jinsabu fi-Artikoli 2 sa 5, kull persuna għandha, meta tiżżewweġ, tkun intitolata għal eżenzjoni mit-taxxi msemmija fl-Artikolu 1 meta timporta ġewwa l-Istat Membru li fih hi biħsiebha titrasferixxi r-residenza normali tagħha l-propjetà personali li tkun akkwistat jew li tkunu ġiet fil-pussess tagħha inqas minn tliet xhur qabel, sakemm:

(a) dik l-importazzjoni ssir f'perjodu li jibda xahrejn qabel id-data stabbilita taż-żwieġ u li jispiċċa erba' xhur wara d-data attwali taż-żwieġ;

(b) il-persuna interessata tipprovdi xhieda li ż-żwieġ tagħha jkun sar jew li l-formalitajiet preliminari meħtieġa għaż-żwieġ jkunu nbdew.

2. Eżenzjoni għandha tingħata wkoll għar-rigward ta' rigali mogħtija b'mod ta' drawwa fl-okkażjoni ta' xi żwieġ li jkunu mibgħuta lil xi persuna li tonora l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 minn persuni li jkollhom il-post ta' residenza normali tagħhom f'xi Stat Membru minbarra dak ta' l-importazzjoni. L-eżenzjoni għandha tapplika għal rigali li l-valur individwali ta' kull parti sħiħa minnhom ma jeċċedix il-200 ECU. L-Istati Membri jistgħu, iżda, jagħtu eżenzjoni meta l-200 ECU jinqabżu, sakemm il-valur ta' kull rigal eżentat ma jeċċedix l-1 000 ECU.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' dik l-eżenzjoni tiddependi fuq id-disposizzjoni ta' xi garanzija adegwata, meta l-propjetà tkun importata qabel id-data taż-żwieġ.

4. Meta l-individwu jonqos milli jipprovdi xhieda taż-żwieġ tiegħu fi żmien erba' xhur mid-data mogħtija għal dak iż-żwieġ, it-taxxi għandhom ikunu dovuti fid-data ta' l-importazzjoni.

TITOLU V

IMPORTAZZJONI TAL-PROPJETÀ PERSONALI TA' PERSUNA MEJTA, AKKWISTATA PERMEZZ TA' WIRT

Artikolu 10

1. Bħala deroga mill-Artikoli 2(2) u (3) u 4 u 5 (2), iżda mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra li jinsabu fl-Artikoli 2, 3 u 5, kull individwu privat li, permezz ta' wirt (*causa mortis*), jakkwista propjetà jew l-użufrutt ta' propjetà personali ta' xi persuna mejta li tkun qiegħda ġewwa Stat Membru, għandu jkun intitolat għal eżenzjoni mit-taxxi msemmija fl-Artikolu 1 meta jimporta dik il-propjetà ġewwa Stat Membru ieħor li fih ikollu residenza, sakemm:

(a) dak l-individwu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru dikjarazzjoni maħruġa minn nutar jew awtorità kompetenti oħra fl-Istat Membru ta' esportazzjoni li l-propjetà li jkun qed jimporta tkun akkwistata permezz ta' wirt;

(b) il-propjetà tkun importata mhux aktar minn sentejn wara d-data li fiha dak l-individwu jiġi fil-pussess tal-propjetà.

TITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

1. Sad-dħul fis-seħħ tar-regoli dwar taxxi tal-Komunità adottati bis-saħħa ta' l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, l-Istati Membri għandhom jippruvaw inaqqsu, safejn ikun possibbli, il-formalitajiet għal importazzjonijiet minn individwi privati fil-limiti u suġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva u għandhom jippruvaw jevitaw il-formalitajiet li jinkludu kontrolli li jirriżultaw fit-tniżżil tat-tagħbija u t-tagħbija mill-ġdid fil-fruntiera.

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu u/jew jintroduċu kondizzjonijiet aktar liberali għall-għoti ta' eżenzjonijiet mit-taxxa minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(2).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(2), l-Istati Membri ma jistgħux, bis-saħħa ta' din id-Direttiva, japplikaw ġewwa l-Komunità eżenzjonijiet mit-taxxa anqas favorevoli minn dawk li huma jagħtu għal importazzjonijiet minn individwi privati ta' propjetà personali minn pajjiżi mhux membri.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jaderixxu ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1984. Dawn għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Iżda, ir-Repubblika Ellenika tista' żżomm is-sistema ta' tassazzjoni tagħha li preżentement hi fis-seħħ, sakemm tkun evitata tassazzjoni doppja, sakemm is-sistema komuni tal-VAT tkun introdotta.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjoni prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva, u b'mod partikolari dik li tirriżulta mit-thaddim tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(2) u (3). Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bid-disposizzjonijiet ta' l-aħħar.

3. Kull sentejn il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tibgħat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' Marzu 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL